MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Avviz Numru. 72/2012

**Wembley Crane Hire Ltd. (C-5773)**

**Vs**

**Dolphin Industrial Services Ltd. (C-28232)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Wembley Crane Hire Ltd. fit-28 ta’ Frar 2012 permezz ta’ liema titlob lis-socjetà Dolphin Industrial Services Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta’ sitt elef tmien mija u disgha u erbghin Euro u disghin centezmu (€6,849.90), rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi lilha u li baqghu ma thallsux; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Settembru 2011, u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, u bl-imghax skond il-Ligi dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjetà Dolphin Industrial Services Ltd.;

Rat illi s-socjetà konvenuta giet notifikata bl-Avviz u bl-appuntament ghas-smigh tal-proceduri;

Rat illi waqt is-seduta tas-17 ta' April 2012 is-socjetà konvenuta pprezentat Nota ta' Ammissjoni permezz ta' liema ammettiet it-talba attrici kif dedotta fil-konfront taghha;

Rat illi l-partijiet kontendenti qablu illi ghalkemm l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta, l-ammont ta' mitejn Euro (€200) minn tali spejjez qual' volta dovuti ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €6,849.90, rapprezentanti l-valur ta' servizzi minnha rezi lis-socjetà konvenuta u li baqghu ma thallsux.

Is-socjetà konvenuta tammetti ghat-talba kif dedotta fil-konfront taghha u dana permezz ta' Nota ta' Ammissjoni pprezentata fis-17 ta' April 2012, izda l-partijiet kontendenti qablu li ghalkemm l-ispejjez kif mitluba mis-socjetà attrici ghandhom jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta, is-somma ta' mitejn Euro (€200) minn tali spejjez qual' volta dovuti ghandha tithallas mis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €6,849.90, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi rezi mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez giudizzjarji kif mitluba mis-socjetà attrici ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta izda, is-

somma ta’ €200 minn tali spejjez qual’ volta dovuti ghandha tithallas mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------